# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru 17**

**Citaz. numru: 1552/99 NA**

**Dr. Nadia O'Flaherty LL.D.**

**vs**

**Dr. Antoine Gambin LL.D.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-30 ta' Lulju 1999 fejn ippremettiet:

"Illi nhareg Mandat ta' Inibizzjoni, li jgib in-Numru 998/99, kontra l-konvenut fuq talba ta' l-attrici, u din il-Qorti inibiet lill-istess konvenut milli jiehu lill-minuri Rachel, u cioe' t-tifla tal-partijiet, barra minn Malta;

Illi skond id-Digriet Numru 166/99 moghtija mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar 1999, l-attrici inghatat il-kura w il-kustodja tal-minuri Rachel;

Illi l-attrici ser tistitwixxi proceduri quddiem dina l-Qorti sabiex tottjeni s-separazzjoni legali minn ma' zewgha, il-konvenut, u dana wara illi inghatat awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla;

Illi l-attrici ghandha ragunijiet validi biex tibza' illi l-konvenut jista' jiehu lill-minuri Rachel barra minn Malta, u jifridha minn ma' ommha u dana minkejja illi l-istess attrici ghandha l-kura u kustodja tal-minuri, liema firda tkun kontra l-interess ta' l-istess minuri;

TALBET li din il-Qorti:

1. tinibixxi definittivament lill-istess konvenut milli jiehu l-minuri Rachel barra minn Malta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jgib in-Numru 998/99 datat 15 ta' Marzu 1999 kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-28 ta' Marzu 2000 fejn eccepixxa illi:-

1. "1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru stante li t-tarbija mhix rapprezentata u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi kif formulata c-citazzjoni attrici mhix sostenibbli peress illi kif stabbilew decizjonijiet nostrani t-talba ghal konferma ta' Mandat ta' Inibizzjoni *in vacuo* mhix accettabbli. Tali talba kellha tigi preceduta b'ohra li biha jigi radikat il-pretensjoni sostantiva fid-dritt ta' l-attrici;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2000 il-kawza giet differita ghat-30 ta' Novembru 2000 bil-hin biex jigu ttrattati z-zewg eccezzjonijiet, ta' natura prettament legali, tal-konvenut. F'din is-seduta d-difensur tal-konvenut ma deherx u ghalhekk ma

setghetx issir it-trattazzjoni in kwistjoni. Il-Qorti pero' kkoncediet lill-partijiet il-fakolta' li jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet dwar il-punti nvoluti w iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-wara l-prezentata ta' dawn in-noti. In-nota tal-konvenut saret fis-16 ta' Jannar 2001 fejn ukoll esebixxa kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru 1998 in sostenn ta' dak minnu sottomess, filwaqt illi n-nota responsiva ta' l-attrici giet ipprezentata fis-27 ta' Frar 2001 u ghalhekk il-Qorti thoss illi ma hemm ebda ostakolu biex is-sentenza tinghata llum.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni l-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem fuq dan it-tip ta' Mandat ta' Inibizzjoni jesigi biss li dan jista' jinhareg "*biex izomm persuna milli tiehu persuna ta' taht l-eta' barra minn Malta*". F'dawn il-proceduri ghalhekk il-minuri hija biss is-suggett tad-dritt pero' m'ghandhiex *locus standi* fil-proceduri li huma bejn "ir-rikorrenti" li qed titlob il-hrug ta' dan il-Mandat u "l-intimat" li huwa l-persuna li tista' tiehu lill-minuri barra minn Malta. Din il-konsiderazzjoni hija ta' aktar rilevanza f'din il-kawza li hija kawza bejn l-attrici li ghandha l-kura u kustodja tal-minuri u li

allura zgur ghandha interess guridiku biex taghmel il-kawza odjerna kontra l-konvenut li huwa l-persuna li jista', skond hija, potenzjalment jaghmel dak minnha allegat.  Din il-konsiderazzjoni apparti minn konsiderazzjoni ta' natura generika li tissemma aktar tard f'din is-sentenza dwar l-interess suprem tal-minuri jwasslu lill-Qorti biex tichad din l-eccezzjoni bl-ispejjez.

It-tieni eccezzjoni qed tigi wkoll michuda bl-ispejjez ghal dawn ir-ragunijiet:

**1.** It-talba ma hijiex ghall-konferma ta' Mandat ta' Inibizzjoni izda hija talba specifika biex il-konvenut jigi inibit milli jiehu l-minuri barra minn Malta.  Fl-ebda mument ma l-attrici talbet il-konferma tal-Mandat Numru 998/99 li huwa biss imsemmi fil-premessi, bl-istess mod li hu msemmi d-Digriet Numru 166/99 tas-Sekond'Awla li m'hemmx talba ghall-konferma tieghu f'din il-kawza;

**2.** Kuntrarjament ghall-kazijiet imsemmija mill-konvenut il-meritu tal-mandat in kwistjoni huwa identiku ghall-meritu tal-kawza.  Dan mhuwiex il-kaz fil-kazistika moghtija mill-konvenut.  Hekk, per ezempju, l-inibizzjoni biex twaqqaf il-

bejgh ta' art soggetta ghall-konvenju. Korrettement f'dan il-kaz il-procedura korretta hija dik biex tigi enforzata l-obbligazzjoni tal-promessa fil-kontro-vendita u mhux li ssir talba ghall-inibizzjoni permanenti tal-bejgh ta' l-art - talba maghmulha *in vacuo* li mhijiex relatata ma' l-azzjoni principali li r-rikorrent/attur qed jitlob l-intervent tal-Qorti dwarha. Fil-kaz prezenti, invece, il-meritu huwa proprju l-inibizzjoni bhala mezz dirett ghas-salvagwardja tad-drittijiet allegati ta' l-attrici u mhux bhala mezz sekondarju u kawtelatorju biex drittijiet pretizi ohra jistghu fil-futur ikunu salvagwardjati;

**3.** Finalment fir-rigward taz-zewg eccezzjonijiet hemm l-interess suprem tal-minuri li jvesti lil din il-Qorti b'dawk il-poteri kollha biex dan l-interess ikun verament dak principali. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u sakemm ma jigix lilha ndikat mod iehor fil-kawza tas-separazzjoni bejn dawn il-kontendenti l-Qorti jidhrilha illi dan l-interess jirrikjedi illi, f'dan l-istadju, l-minuri ma tittehidtx barra mill-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu mhux biss ghac-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut pero' wkoll ghall-akkoljiment tat-talba attrici li hija milqugha billi l-Qorti tinibixxa definittivament,

almenu f'dan l-istadju, lill-istess konvenut milli jiehu lil minuri Rachel barra minn Malta minghajr l-awtorita' taghha.

L-ispejjes tal-kawza, kif mitluba, kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.